MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Numru. 95/2006

PULIZIJA
SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA
VS
ALAN D’ANASTASI
PRISCILLA GALEA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Alan D’Anastasi, ta’ 27 sena, iben Lawrence u Emanuela nee’ Camilleri, imwieled Pieta’ fil-25 t’Ottubru 1978, u residenti Emantor, Triq Guzeppi Decelis, Birgu, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 494678(M), kif ukoll Priscilla Galea, ta’ 21 sena, bint Raymond u Rita nee’ Psaila, imwielda Pieta’ fit-18 ta’ Lulju 1984, u residenti Priscilla, Triq Sant’Antnin, Zabbar, u detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 341384(M), u akkuzati talli f’Awissu 2004, u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess

dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' aktar minn elf Lira Maltin (Lm1000), ghad-dannu tal-Bank of Valletta plc, u HSBC Bank Malta plc, u diversi persuni u azjendi ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprijaw ruhhom billi dawwru bi profit ghalihom jwe ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elf Lira Maltin (Lm1000), ghad-dannu tal-Bank of Valletta plc, HSBC Bank Malta plc u diversi persuni u azjendi ohra, liema soma giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 293 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, iffalsifikaw cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, li meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehro imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, kif ukoll talli xjentement ghamlu uzu minnhom, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet, jwe obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamlu uzu mill-istess att, kitba jew

skrittura falza, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(5) u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamlu uzu minn dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, maghmul jew moghti minn ufficjal jew impjegat pubbliku, illi minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu, hu fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat; kif ukoll talli xjentement ghamlu uzu minn falsifikazzjoni li saru minn xi persuna/i ,li mhix ufficjal jew impjegat pubbliku b’abbuz ta’ awtorita’, u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 186 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(6) u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamlu uzu minn skrittura privata iffalsifikata li tkun tista’ taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli, u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 187(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(7) u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat, u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati.

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli lill-imputati sabiex jottemperaw ruhhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-ammissjoni taghhom, il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuzi migjuba kontra taghhom, u dan wara li l-Qorti spjegatilhom l-importanza tal-ammissjoni taghhom skond il-ligi u tathom zmien xieraq sabiex jikkunsidraw li jirtiraw l-ammissjoni, u l-imputati baqghu itennu li kienu hatja.

Il-Qorti rat l-Artikoli 18, 293, 308, 309, 310, 167 u 169, 183 u 184, 186 u 187(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kkunsidrat ghal fini ta’ piena l-fatt illi l-imputati ghandhom fedina penali netta; il-fatt li kkoperaw mal-Pulizija; il-fatt li huma rregistraw ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri; u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, jidhrilha li jkun ta’ beneficcju kemm ghall-imputati kif ukoll ghas-socjeta’ in generali, jekk l-imputati jinghataw zmien sabiex jirriformaw hajjithom u jaqbdu t-triq it-tajba. Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li huma ma jikkommettux reat iehor sa zmien tnax (12)-il xahar mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-imputati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna illi l-atti, flimkien ma’ kopja ta’ din is-sentenza, jigu mibghuta lill-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------